MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Rikors Numru. 12/2006

**Carmelo Cachia**

***Versus***

**Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Avukat Ġenerali**

F’din il-kawża r-rikorrent qiegħed jitlob rimedju għax qiegħed igħid illi nkiser il-jedd tiegħu, imħares taħt l-art. 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”], għal smigħ xieraq fi proċeduri li jwasslu għal deċiżjoni dwar drittijiet ċivili tiegħu.
Ir-rikorrent igħid illi huwa s-sid ta’ l-art magħrufa bħala *Ta’ Għajn Blat*, f’San Ġorġ, Birżebbuġa, u għandu wkoll il-pussess ta’ art oħra li tmiss magħha. Din l-art tar-rikorrent tmiss ma’ proprjetà tas-soċjetà *Holiday Estates Limited* u,

sa mis-sena 1995, inqalgħet vertenza bejn ir-rikorrent u dik is-soċjetà fuq id-dimarkazzjoni tal-proprjetajiet rispettivi tagħhom. Din il-vertenza wasslet ukoll għal proċeduri fl-ismijiet *Holiday Estates Limited* versus Carmelo Cachia (ċitazzjoni numru 2219/1996) quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li kienu għadhom mexjin meta tressaq ir-rikors[1].

F'Marzu ta' l-1995 *Holiday Estates Limited* kienet ukoll ressqet oġġezzjoni quddiem l-awtorità intimata kontra applikazzjoni illi kien għamel ir-rikorrent fuq l-art tiegħu. Fit-12 ta' Frar 2000 ir-rikorrent kien notifikat b'Avviż ta' Twettiq tas-7 ta' Frar 2000 biex jieqaf kull żvilupp ta' tibdil ta' użu ta' art. Hu ressaq appell minn dan l-avviż fil-15 ta' Frar 2000 quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u dan l-appell inqata' b'sentenza tat-23 ta' Lulju 2003[2]. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) li tat deċiżjoni fit-30 ta' Novembru 2005[3].

Il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien magħmul minn tliet membri: l-Avukat Tanya Sciberras Camilleri, il-Perit Patrick Camilleri u l-Perit Samuel Formosa. Waqt li kienu mexjin il-proċeduri fl-ismijiet *Holiday Estates Limited* versus Carmelo Cachia (ċitazzjoni numru 2219/1996) ir-rikorrent intebaħ illi l-Perit Patrick Camilleri u sieħbu fil-prattika ta' perit kien jippatroċinja lil *Holiday Estates Limited* u soċjetajiet oħra li għandhom l-istess nies bħala azzjonisti u diretturi. Dan sar jafu għax fid-29 ta' Marzu 2004, waqt is-smigħ tal-kawża, il-qorti żammet aċċess fuq l-art u l-Perit Patrick Camilleri kien deher f'dan l-aċċess f'isem *Holiday Estates Limited*. Ukoll fil-proċeduri msemmija fuq quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) l-istess perit kien xehed illi *Holiday Estates Limited* hija klijenta ta' l-uffiċċju tal-prattika ta' perit.

Ir-rikorrent għalhekk igħid illi membru tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar kellu x'jaqsam, ukoll permezz tal-prattika privata tiegħu, ma' min kellu interess li jfixklu fit-tgawdija ta' l-art, u hekk l-imparzjalità u l-indipendenza tal-bord ġew imxekkla. Dan id-difett fl-imparzjalità u fl-

---

[1] Il-kawża nqatgħet b'sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru 1997.

[2] L-appell tar-rikorrent kien miċħud bid-deċiżjoni tat-23 ta' Lulju 2003.

[3] L-appell tar-rikorrent kien miċħud bis-sentenza tat-30 ta' Novembru 2005.

indipendenza li kull bord għandu jkollu fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu fejn huwa meħtieġ li jiddetermina pendenzi li jolqtu d-drittijiet ta' individwi wassal biex ir-rikorrent ikun imċaħħad mill-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali, imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

Ir-rikorrent għalhekk talab illi din il-qorti tgħid illi kien miksur il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali, u għalhekk tagħtih ir-rimedji li jidhrulha xierqa, fosthom dak li tgħid illi l-proċeduri kollha meħuda dwar l-Avviż ta' Twettiq huma vizzjati u ma jiswewx.

L-Avukat Ġenerali wieġeb hekk fis-26 ta' Mejju 2006:

1. il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-30 ta' Novembru 2005 ġà iddeċidiet dwar jekk il-Perit Patrick Camilleri mexiex sew jew le meta kien parti mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li sema' l-każ tar-rikorrent, u l-meritu tal-każ quddiem il-Qorti ta' l-Appell ma għandux x'jaqsam mal-meritu tal-kawża fl-ismijiet *Holiday Estates Limited versus Carmelo Cachia* (ċitazzjoni numru 2219/1996); għalhekk l-interess tar-rikorrent f'dawn il-proċeduri tallum huwa li b'xi mod jew ieħor ikun imħassar l-Avviż ta' Twettiq tas-7 ta' Frar 2000 biex hu jkun jista' jkompli bl-attività tiegħu. Dan huwa disprezz għall-proċedura kostituzzjonali u l-qorti għandha tgħid illi l-kawża hija frivola u vessatorja, u ma tkomplix tismagħha;

2. ma kien hemm ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq għax ir-rikorrent kellu smigħ imparzjali, indipendenti u ġust tul il-proċeduri kollha dwar l-Avviż ta' Twettiq, għax mix-xiehda tal-Perit Patrick Camilleri u kif qalet il-Qorti ta' l-Appell, sal-mument li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ta d-deċiżjoni tiegħu l-Perit Camilleri ma kienx jaf illi r-rikorrent kellu proċeduri ċivili kontra klijenti ta' l-uffiċċju tiegħu, u għalhekk il-perit kien imparzjali fid-deċiżjoni tiegħu; u

3. iż-żewġ kwistjonijiet li fihom hu mdaħħal ir-rikorrent ma għandhom ebda rabta bejniethom, għax l-Avviż ta' Twettiq kien dwar bdil ta' użu ta' art minn għalqa għal *scrapyard* waqt li l-kawża ċivili kienet bejn ġirien dwar il-linja li taqsam il-proprjetajiet tagħhom. Irid ikun ukoll verifikat jekk il-proprjetà li fuqha hemm l-Avviż ta' Twettiq hijiex l-istess art li tmiss ma' dik ta' *Holiday Estates Limited*, għax

jekk ma hijiex l-istess art inqas u inqas ma hemm rabta bejn iż-żewġ każijiet.

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ["l-Awtorità"] wieġbet fis-6 ta' Ġunju 2006 u qalet hekk:

1. l-Awtorità ma hijiex kontradittur leġittimu għax dak li qiegħed jilmenta dwaru r-rikorrent huwa l-għemil ta' tribunal li hu indipendenti mill-Awtorità; u

2. ma kien hemm ebda ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, kif qalet ukoll il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) meta dan il-punt tqajjem quddiemha.

Nibdew billi nqisu l-eċċezzjoni ta' l-Awtorità li ma hijiex kontradittur leġittimu.

Din l-eċċezzjoni hija tajba.

Il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ["il-Bord"], għalkemm imwaqqaf bl-istess liġi[4] li waqqfet lill-Awtorità biex jisma' appelli minn deċiżjonijiet tagħha, hu indipendenti minnha, u għalhekk l-Awtorità ma tweġibx u ma tistax tkun imħarrka biex twieġeb għall-għemil tal-Bord[5].

Id-dmir li joħloq l-istrutturi meħtieġa — sew jekk dawn ikunu qrati kif ukoll jekk ikunu tribunali amministrattivi — sabiex jitħarsu d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem huwa dmir ta' l-istat. Jekk dik l-istruttura — fil-każ tallum il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar — jonqos li jħares dawk id-dispożizzonijiet fondamentali, ikun l-istat li jwieġeb għal dak in-nuqqas. Għalhekk, kontradittur leġittimu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huwa l-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta, li huwa ġà parti f'din il-kawża.

Madankollu, fil-każ tallum, billi r-rikorrent qiegħed jitlob it-tħassir ta' proċeduri li fihom l-Awtorità kienet parti, u għalhekk għandu interess illi s-sentenza tkun torbot ukoll lilha, ma jistax jingħad illi l-istess Awtorità ma għandha ebda interess li tkun parti fil-proċeduri tallum, u għalhekk

---

4 L-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp [Kap. 356].

5 Ara <u>Anthony Pace *versus* Avukat Ġenerali *et*</u> (Rikors 753/2000), Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Novembru 2001.

ma huwiex il-każ li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju iżda għandha tibqa' parti għal kull interess li jista' jkollha.

Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu ta' l-ilment tar-rikorrent.

Il-fatti fil-qosor huma dawn:

Ir-rikorrent għandu għalqa li tmiss ma' proprjetà tas-soċjeta *Holiday Estates Limited*. Fit-30 t'Ottubru 1995 ir-rikorrent kien ressaq talba quddiem l-Awtorità biex jibni tmint idjar fuq l-art tiegħu u fl-14 ta' Marzu 1996 *Holiday Estates Limited* kienet kitbet lill-Awtorità biex topponi għat-talba għar-raġuni illi:

*Mr Cachia has no access to his property. The only means by which he can get to his land is by trespassing on to the Company's property (which lies adjacent to his). … … … The Company has no intention of granting Mr Cachia any access from our property as we intend on developing* [*sic*] *the said property once we obtain the necessary permits. In view of this we feel that Mr Carmelo Cachia's application should be refused.*

L-Awtorità fil-fatt ċaħdet l-applikazzjoni b'deċiżjoni tat-13 t'Ottubru 1999 għar-raġuni illi "*site has no frontage on street*".

F'Ġunju ta' l-1996 jew mhux iżjed minn xahrejn qabel, ir-rikorrent tella' ħajt fejn *Holiday Estates Limited* qalet li hu tagħha. *Holiday Estates Limited* għalhekk fetħet kawża ta' spoll[6] u talbet illi r-rikorrent ireġġa' l-art kif kienet qabel, billi jwaqqa' l-ħajt, u talbet ukoll illi ma jkomplix igħaddi minn fuq l-art tagħha "billi huwa ma għandu ebda titolu legali biex jagħmel dan". Il-Prim'Awla tal-Qreti Ċivili, b'sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru 2007, ċaħdet it-talba biex ir-rikorrent jinżamm milli jgħaddi minn fuq l-art, billi kienet tal-fehma li dik kienet talba ta' natura petitorja li ma setgħetx issir f'azzjoni ta' spoll, u laqgħet it-talba għat-twaqqigħ tal-ħajt.

Ġara wkoll illi lill-Awtorità dehrilha illi r-rikorrent f'xi żmien beda juża l-art tiegħu bħala *scrapyard* u biex jipparkeġġja vetturi fiha bla ma kiseb il-permessi meħtieġa għal dan il-bdil ta' użu. Għalhekk fis-7 ta' Frar 2000 l-Awtorità ħarġet kontra tiegħu Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq. Fil-15 ta' Frar 2000 ir-rikorrent ressaq appell minn dan l-avviż

---

6 Ċitazzjoni numru 2219/1996 fl-ismijiet <u>*Holiday Estates Limited versus* Carmelo Cachia</u>.

quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar. Dan il-Bord, magħmul mill-Avukat Tanya Sciberras Camilleri, l-A.I.Ċ. Patrick Camilleri u l-A.I.Ċ. Samuel Formosa, b’deċiżjoni mogħtija fit-23 ta’ Lulju 2003 ċaħad l-appell tar-rikorrent u wettaq l-avviż.

Fis-6 ta’ Awissu 2003 ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, li b’sentenza tat-30 ta’ Novembru 2005 ċaħdet l-appell tar-rikorrent u wettqet id-deċiżjoni tal-Bord tat-23 ta’ Lulju 2003.

Il-proċeduri quddiem il-Qorti ta’ l-Appell u dawk tal-kawża ċivili msemmija fuq quddiem il-Prim’Awla kienu mexjin fl-istess żmien. Ġara li waqt aċċess fil-kawża ċivili deher l-A.I.Ċ. Patrick Camilleri fl-interess ta’ *Holiday Estates Limited* u r-rikorrent għarfu bħala wieħed mill-membri tal-Bord li fit-23 ta’ Lulju 2003 kien ċaħad l-appell tiegħu. Il-Perit Camilleri għalhekk issejjaħ biex jixhed quddiem il-Qorti ta’ l-Appell u fit-13 ta’ Jannar 2005 xehed hekk:

*Holiday Estates* huwa fil-fatt klijenti tagħna, però l-ewwel darba li ndunajt li kien hemm xi konnessjoni [bejn *Holiday Estates Limited* u l-art tar-rikorrent li dwarha nħareġ l-avviż] kien wara s-sentenza [tal-Bord tat-23 ta’ Lulju 2003]; iltqajt ma’ Mr Cachia [ir-rikorrent] fuq is-*site*.

Dwar dan l-episodju, il-Qorti ta’ l-Appell qalet hekk fis-sentenza tagħha tat-30 ta’ Novembru 2005:

Illi fl-aħħarnett dwar dak imsemmi mill-istess appellant fil-kors ta’ dan l-appell dwar il-Perit Patrick Camilleri li kien membru tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar li ta d-deċiżjoni mertu ta’ dan l-appell, mill-provi prodotti quddiem din il-qorti u senjatment mix-xhieda tat-13 ta’ Jannar 2005 u 2 ta’ Marzu 2005, ma jirriżultax li l-istess perit kellu sad-data tad-deċiżjoni mogħtija mill-istess Bord ta’ l-Appell xi raġuni għaliex kellu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta’ l-istess każ. Fil-fatt ħadd mill-partijiet ma qajjem dan il-punt quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, tant li mix-xhieda tiegħu prodotta quddiem din il-qorti jirrizulta lil din il-qorti li l-istess membru tal-Bord ta’ l-Appell aġixxa korrettament u skond il-liġi bħall- membri kollha l-oħra ta’ l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar.

Għalhekk kien hemm f’xi żmien jew ieħor, u f’xi waqtiet ukoll fl-istess żmien, tliet każijiet dwar l-istess art: dak dwar it-talba għal permess biex ir-rikorrent itella’ tmint

idjar; dak dwar il-bdil ta' użu mhux awtorizzat; u dak tal-kawża ċivili ta' spoll.

Fil-kawża ċivili ta' spoll *Holiday Estates Limited* kellha interess dirett bħala parti; fil-każ tat-talba għal permess biex ir-rikorrent itella' tmint idjar ukoll kellha interess għax indaħlet fil-proċeduri biex tagħmel oġġezzjoni formali għat-talba; fil-każ dwar il-bdil ta' użu, għalkemm *Holiday Estates Limited* ma jidhirx li ndaħlet formalment, madankollu xorta kellha interess għax, jekk l-interess tagħha biex toġġezzjona għall-bini ta' tmint idjar kien li r-rikorrent ma kellux ħruġ mill-art tiegħu għat-triq pubblika u kellu jgħaddi minn fuq l-art tagħha, xorta kien jibqa' bla ħruġ għat-triq pubblika u kien ikollu jgħaddi minn fuq l-art tagħha biex juża l-art bħala *scrapyard* u biex jipparkeġġja vetturi fiha, u għalhekk *Holiday Estates Limited* kellha l-istess interess biex toġġezzjona għall-bdil ta' użu.

Ma jistax ikun serjament kontestat illi tribunal li membru tiegħu jaħdem għal jew huwa impjegat ta' min, għalkemm mhux formalment parti fil-proċeduri quddiem dak it-tribunal, għandu interess dirett fl-eżitu tagħhom, ma huwiex u ma jistax jitqies tribunal imparzjali u indipendenti.

Il-kriterju ta' imparzjalità ma huwiex biss soġġettiv – jekk il-ġudikant kienx għal raġunijiet personali jxaqleb favur jew kontra xi parti – iżda wkoll oġġettiv – "*whether he offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect*"[7]. Ukoll, daqskemm ma tneħħix dan id-dubju l-istqarrija tal-ġudikant illi, minkejja l-apparenzi, hu ma kienx soġġettivament parzjali fil-ġudizzju tiegħu, daqshekk ieħor ma tneħħix id-dubju l-istqarrija tal-ġudikant illi ma kienx jaf bil-fatti li juru li seta' kellu interess fil-każ:

… … … [I]t is not possible to confine oneself to a purely objective test. In this area even appearances may be of a certain importance. … … … [A]ny judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw. What is at stake is the confidence which the courts must inspire in a democratic society.[8]

---

7 Piersack kontra l-Belġju, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 1 t'Ottubru 1982, para. 30.

8 *Ibid.* para. 30(a).

Lanqas ma huwa relevanti l-fatt illi, fil-każ partikolari, ir-rikorrent ma kienx jaf bil-fatti li setgħu qanqlulu dubju dwar l-imparzjalità tal-Bord:

Whether or not [the applicant] was, as the Government believe, unaware of all these facts at the relevant time is of little moment. … … … It is sufficient to find that the impartiality of the 'tribunal' which had to determine the merits (in the French text: '*bien-fondé*) of the charge was capable of appearing open to doubt.[9]

Din il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, kif magħmul meta sema' u qata' l-appell tar-rikorrent, ma kienx tribunal imparzjali kif trid il-liġi.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, f'sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar 1983 fil-każ ta' Albert u Le Compte kontra l-Belġju, kienet qalet illi jekk tribunal amministrattiv, bħal ma hu l-Bord, ma jħarisx dak kollu li jrid l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni, dan ma jfissirx bilfors li hemm ksur ta' dak l-artikolu, sakemm id-deċiżjonijiet ta' dak it-tribunal huma soġġetti għall-kontroll ta' qorti li hija imparzjali u indipendenti u li għandha ġurisdizzjoni sħiħa ta' reviżjoni:

… … … in such circumstances the Convention calls at least for one of the two following systems: either the jurisdictional organs themselves comply with the requirements of Article 6 para. 1, or they do not so comply but are subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction and does provide the guarantees of Article 6 para. 1.[10]

L-art. 15(2) ta' l-Att dwar il-Kontroll ta' l-Iżvilupp [Kap. 356] jagħti jedd ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell minn deċiżjonijiet tal-Bord, iżda biss fuq punti ta' liġi:

(2) Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali. Għandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili minn dawk id-deċiżjonijiet biss dwar punti ta' liġi deċiżi mill-Bord fid-deċiżjoni tiegħu. Appell minn deċiżjoni parzjali tal-Bord jista' jiġi ppreżentat biss flimkien ma' appell mid-deċiżjoni finali tal-Bord.

[9] *Ibid*. para. 31.

[10] Para. 29.

Dan juri illi, għal dak li għandu x'jaqsam ma' kontroll fuq deċiżjonijiet tal-Bord, il-Qorti ta' l-Appell ma hijiex "*a judicial body that has full jurisdiction*" u għalhekk ma tagħmilx tajjeb għan-nuqqas tal-Bord li jkun tribunal imparzjali mhux biss fil-fatt iżda wkoll fl-apparenza.

Ukoll, għalkemm huwa minnu illi d-deċiżjoni tal-Bord kienet mibnija fuq punti ta' dritt, bħal ma hu dak jekk Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq setax jinħareġ fuq żvilupp li sar qabel ma daħlet fis-seħħ il-liġi relativa, u f'dan kienet soġġetta għall-kontroll tal-Qorti ta' l-Appell, kienet ukoll mibnija fuq punti ta' fatt u fuq apprezzament tal-kredibbiltà tar-rikorrent, kif tixhed din is-silta mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell:

… … … dwar l-użu effettiv ta' art din hija kwistjoni ta' fatt, iżda minn dak li rrizulta mill-atti proċesswali jidher li d-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar din il-kwistjoni ta' fatt kienet sabet li mhux minnu li l-istess appellant kien uża biss l-istess art anke qabel il-Kap 356 għall-ipparkjar ta' karozzi, iżda wkoll bħala *scrapyard.* Jidher ċar minn dak indikat f'paġna 3 ta' l-istess sentenza ta' l-imsemmi Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li l-verzjoni ta' l-appellant fuq dan il-punt ma twemmnitx.

Dwar dan l-apprezzament ta' fatt magħmul mill-Bord ma jingħatax appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Din il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-Bord li sema' l-appell tar-rikorrent u ta deċiżjoni dwaru ma jagħtix il-garanzija ta' imparzjalità li trid il-liġi u li, f'punti relevanti tad-deċiżjoni tiegħu, ma kienx soġġett għal kontroll ta' qorti b'ġurisdizzjoni sħiħa. Għalhekk issib illi kien hemm ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ minn tribunal imparzjali.

Ir-rimedju għal dan il-ksur ma għandux ikun it-tħassir tal-proċeduri kollha fuq l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq, għax l-Avviż innifsu nħareġ qabel ma nstema' l-appell mill-Bord, u għalhekk ma huwiex milqut bil-vizzju tal-Bord, iżda huma biss il-proċeduri quddiem il-Bord, u dak li sar wara, li jintlaqtu bil-vizzju.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tgħid illi kien hemm ksur tal-jedd tar-rikorrent li jkollu smigħ quddiem tribunal imparzjali; għalhekk terġa tqiegħed lir-rikorrent fl-istess pożizzjoni li kien fiha qabel ma nstema' l-appell tiegħu

quddiem il-Bord u tordna illi s-smigħ ta’ l-appell, u l-atti ta’ proċedura kollha li saru wara, isiru mill-ġdid.
L-ispejjeż kollha tal-kawża għandu jħallashom l-Avukat Ġenerali f’isem il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------